MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 1395/2007

Il-**Pulizija**

**Spettur Joseph Agius**

**VS**

**Generoso Sammut, iben Carmel u Josephine nee' Attard, imwieled Tal Pieta' nhar l-24 ta' Frar, 1954, residenti fil-fond numru 32, Triq Ferdinand Hompesch, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' numru 203454M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Generoso Sammut** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-22 ta' April, 2007, ghall-habta ta' 18.45hrs, f'numru 5, Misrah Mikiel Anton Vassalli, Zejtun, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq zewg mobiles tal-ghamla Nokia li jiswew madwar mitejn u erbghin lira Maltin (Lm240.00) ghad-dannu ta' Jonathan Attard u Ritienne Caruana miz-Zejtun, liema hsara tiskorri l-mitt lira Maltin (Lm100.00) bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' choker tad-deheb li l-valur taghha jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00), bi ksur tal-Artikolu 261(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Attard hekk kif iccertifika Dr Ian Gauci MD ta' Paola Health Centre bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess; kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda ta' **PS 1386 Anthony Agius** li xehed illi kien ircieva rapport minghand Jonathan Attard dwar argument li nqala' bejnu u bejn Generoso Sammut – l-imputat. Qal illi Attard kien qallu li kien gie aggredit fil-garaxx tieghu minn dan Sammut. Ezebixxa l-PIRS report ta' dan l-incident, hekk kif lilu rapurtat, bhala Dok AA; u c-certifikat mediku li ghaddielu l-istess Attard bhala Dok AA1. Qal illi l-vittma, ghalkemm baqa' jghidlu li kien ser johodlu l-istimi, dawn baqa' ma tahomlux.

In kontro ezami qal illi dwar l-istima, illi ghalkemm kien talabha lil Attard, dan baqa' jghidlu li kien ser igibhielu, pero qatt ma tahielu. Jghid illi pero Attard kien qallu li kien taha lil xi haddiehor f'ghassa, pero dan skondtu ma rrizultax.

Xehed dwar il-griehi **Dr Ian Gauci**, u kkonferma li Attard kellu barxa u fjammazzjoni fuq l-id ix-xellugija forma ta' cirku, daqs erba' centimetri; xi brix

twil fl-id ix-xellugija; madwar l-ghonq; fuq l-ispalla leminija u anke dik xellugija. Kellu anke daqqa fuq mohhu fuq in-naha tax-xellug. Iccertifika dawn il-griehi bhala hfief.

Minn naha tieghu, **Jonathan Attard** xehed illi hu f'April tas-sena 2007, kien fil-garaxx tieghu fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Zejtun. Qal illi kien qieghed jinhasel u habbatlu l-bieb - hawn kien qieghed jirreferi ghal zijuh l-imputat. Skondtu l-argument kien dwar karozza li l-imputat ried jibdel minn magna petrol ghal diesel. Qal illi fuq dan bejniethom beda jinqala' hafna nkwiet, anke ghax ix-xhud riedu jixtri radiator akbar, inkella jekk le qallu biex jaqbad u johodha lura. Ghalhekk jghid ix-xhud illi waddablu l-karozza 'l barra.

Ghalhekk kompla jghid illi habbat il-bieb, fetah, u dahal fuqu zijuh. Qal illi dahal fuqu u beda jaghtieh. Qal illi l-ewwel qabad fruttiera, faqaghlu rasu biha; zied illi waddablu l-imputat anke tazza tal-laring u xarrablu zewg mobiles. Dwar ic-choker, qal illi dan kien tahulu zijuh madwar ghaxar (10) snin qabel, li qatt ma kien jinzghu, u li l-ahhar li mess ic-choker kien l-imputat. Qal illi dan ic-choker kien ta' hu l-imputat, illum mejjet, u li kien ilu ghaxar(10) snin f'ghonqu. Dwar il-hsarat tal-mobiles, qal illi dan kien ha l-istima taghhom l-ghassa tal-pulizija. Qal illi kien ghadu ma ppruvax isewwi dawn il-mobiles.

Dwar ir-reazzjoni tieghu ghal dan l-attakk, zied illi hu lanqas biss seta' jahrab ghax kien bil-qalziet ta' taht. Qal illi mal-imputat kien hemm ibnu wkoll. Qal illi hu harab minn dan l-attakk, pero ammetta li gew fl-idejn u wara harablu. Qal illi minn dakinhar anke heddu l-imputat, b'diskors bhal per ezempju "*Npattihielek!*", folio 37.

In kontro ezami qal illi hu l-gizirana minn dakinhar 'l hemm qatt ma kien raha. Qal illi l-ahhar li kien raha meta l-imputat qabadhielu u gibidhielu minn grizmejh. Kien cert illi gibidhielu. Dwar is-suggeriment tad-Difiza li din setghet intilfet, wiegeb illi anke kienu marru l-pulizija u anke qallbu kullimkien, pero ma kinux sabuha. Ikkonferma li f'dan l-attakk l-imputat kien gidmu, faqqaghlu fruttiera fuq rasu, u li gibidlu c-choker.

Mistoqsi jekk iddenfendix ruhu, qal illi hu kien go hwejgu u li ma kinx jaf jekk hu kinx ghamel griehi lill-imputat. Dwar ic-choker, qal illi mill-incident 'l hawn att ma rega' sabu. Innega li hu qatt kien qal dan. Anzi zied illi jekk l-imputat kien jaghtieh lura c-choker, kien lest li jahfirlu. Insista fuqu ghax dan ghalih kien wirt u hadulu minn ghonqu (folio 113).

Qal ukoll illi iben l-imputat kien dahal fil-garaxx biex iferraqhom.

Minn naha taghha **Ritienne Caruana** xehdet illi hi kienet prezenti ghal dan l-incident. Kienet fi zmien li xehdet l-gharusa ta' Jonathan Attard. Anke hi qalet illi habbat il-bieb. Kienet qed issajjar lil Jonathan (ghax kellhom dawn il-mezzi fil-garaxx). Gie Jimmy, cioe' l-imputat. Qalet illi Jonathan fetahlu u mill-ewwel tefa' lil Jonathan mal-art. Jimmy imbotta lil Jonathan, imbuttah ghal fuq is-sufan. Qalet illi hi kellha f'idejha platt u tazza (tal-plastic) bil-laring, u Jimmy qabad it-tazza. Qalet illi anke gidem lil Jonathan u li Jimmy spicca fuq Jonathan (folio 41). Ziedet illi Jimmy anke faqa' *bowl* tal-hgieg mal-art. Dwar il-laring qalet illi kien Jimmy li waddab it-tazza bil-laring lil Jonathan. Ziedet illi Jimmy gidem lil Jonathan f'idu. Kompliet tixhed aktar tard in kontro ezami (issa mart Jonathan), illi l-gizirana waqt il-glieda kien gibidha Generoso minn ghonq Jonathan.

Mistoqsija jekk din il-gizirana tqacctitx jew waqatx mal-art, wiegbet illi hi kienet ratha f'id l-imputat, ma rathix taqa' mal-art, ghalkemm ammettiet illi kien hemm konfuzjoni kbira. Ghaliha l-gizirana baqghet qatt ma nstabet ghax kieku zewgha Jonathan kien skondtha zgur jilbisha.

Ftakret ukoll illi Generoso kien qaleb lill-imputat fuq is-sodda li kien hemm fil-garaxx. Mistoqsija issa l-gizirana fejn kienet, stante li telghu xhieda in difesa li qalu li din kienet instabet, wiegbet illi hi ma kinitx taf, u li qatt izjed ma ratha ghand l-imputat.

Ingabu jixhdu in difesa bint u mart l-imputat.

**Olivia Sammut** bint l-imputat xehdet illi kugintha, oht l-aggredit Jonthan, certa Josanne Attard, kienet qaltilha li huha kien sab il-gizirana. Anke riedet tmur tara l-imputat il-Habs. In korraborazzjoni ma' dan, ommha Mary ikkonfermat lin-neputija taghha Josanne Attard, qaltilha waqt il-vista' gewwa l-Habs, jekk kinux ghadhom il-Qorti, u qaltilhom li "dak" kien sab il-gizirana (folio 79).

Ghalhekk id-Difiza tellghet tixhed lil **Josanne Attard**, illi qalet illi hi kienet tigi oht Jonathan. Mistoqsija x'kienet taf dwar il-gizirana, qalet illi hi dwarha ma kienet taf xejn, u li hi u huha ma tantx kienu jitkellmu, anzi qalet illi kienet ilha ma tkellmu zmien. Ziedet "*zmien twil*". (folio 86)

Fuq suggeriment li hi qalet illi huha kien sab il-gizirana, wiegbet illi l-Avukat Difensur kellu nformazzjoni zbaljata. Qablet ili kellha kuntatt fuq Facebook ma' Olivia Sammut. Ikkoncediet illi setghet qalet lil Olivia li jista' jkun li huha kien sab il-gizirana, skondtha biex taqta' d-diskors meta kien jinzerta dwar il-gizirana. Dwar jekk huha kinx sab il-gizirana, qalet illi ma kinitx taf x'gara ezatt. Ikkonfermat illi bhala fatt ma kinitx taf jekk huha kinx sab il-gizirana.

Baqghet insistenti, wara li l-Qorti anke spjegatilha li kienet possibbilment parlat zejjed, illi hi ma kinitx taf jekk il-gizirana kinitx instabet minn huha.

Mismugha dawn il-provi, semghet ukoll it-trattazzjonijiet u kkonsidrat is-segwenti:

Illi fl-ewwel lok,  jigi nnutat illi ebda akkuzi ma gew imressqa ghall-hsarat fil-konfront tal-mobiles ta' Attard, jew theddid fuq l-istess.

Fit-tieni lok tinnota l-Qorti, illi nonostante li din il-kawza tikkoncerna serq ta' gizirana tad-deheb, lanqas ma ngabet ebda prova tal-valur taghha. B'dan pero, illi l-Qorti mhix qed tghid illi c-choker allegatament misruqa mhix tad-deheb, dan ghaliex sidha Jonathan Attard li kienet fil-pussess tieghu ghal ghaxar(10) snin, kien ferm cert dwar dan. Fil-fatt kieku c-choker kien ta' materjal isfar iehor, f'ghaxar(10) snin certament kemm Jonathan kif ukoll it-tfajla tieghu, kienu f'xi hin jindunaw b'dan, stante li qajla hawn metall illi ma jinbidilx, ma jsofrix "*tarnish*" bhad-deheb. Ovvjament, lanqas seta' Attard igib prova ta' dan, stante li l-oggett in mertu allegatament gie misruq. Pero jibqa' l-fatt illi ebda hjiel ta' valur jew deskrizzjoni ta' dan ic-choker ma gie propost. Hafna, in kwantu ghall-valur, kien jispetta fuq il-piz ta' din il-gizirana. Allura l-Qorti ser tqis, dejjem a favur tal-imputat, illi dan ghandu jigi meqjus ta' valur taht il-mitt lira Maltin (Lm100.00).

Illi l-Qorti, fir-rigward tas-serq, giet rinfaccata b'zewg xhieda, *niente di meno* bint u l-mara tal-imputat, li xehdu li Josanne qaltilhom li huha kien sab dan ic-choker. Minn naha taghha, din Josanne meta rinfaccata b'dan mil-Qorti, qalet illi hi lanqas kienet tkellem lil huha, hlief ghal hello go tieg, u setghet biss qalet dan biex taqta' mid-diskors dwar il-kawza u c-choker. Ammettiet mal-Qorti li hi ma kienet taf b'xejn dwar dan ic-choker.

Illi kemm Attard kif ukoll Ritienne martu, xehdu li kien Generoso li gibed ic-choker minn ghonq Jonathan, u daqshekk dehret izjed din il-gizirana, nonostante tfittxijiet minnhom u mill-pulizija gol-garaxx fejn saret l-aggressjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 261, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-griehi kommessi, anke hawn Ritienne u Jonathan kienu ferm cari u kredibbli dwar kif Generoso Sammut dahal fil-garaxx ta’ neputieh u aggredieh, anke billi gidmu. Dan id-dettall anke jsib korraborazzjoni fic-certifikat mediku li anke jiddeskrivi gerha tonda forma ta’ cirku, fuq spallejn Jonathan ta’ circa erba’(4) centrimetri.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda ssib htija anke f’dan ir-rigward, u dan wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tal-imputat; kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; flimkien mal-Artikoli 221, 261, u 279(a) – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u t ikkundanna lil Generoso Sammut ghal piena karcerajra ta’ sena(1).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------